# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 29 ta' Novembru, 2022**

**Kawża Nru. 25**

**Rik. Nru. 437/13JRM**

Catherine **MICALLEF**, Emanuel Micallef u Omar Micallef

vs

Kevin **AZZOPARDI**, Anthony Fountain personalment u bħala Direttur tas-Soċjetà Aedes Co Ltd. (C – 32624), u Helena Holland personalment u bħala Direttur tas-Socjetà Aedes Co Ltd. (C – 32624)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fid-9 ta' Mejju, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti issib (i) li l-inċident li seħħ fl-14 ta' Ottubru, 2009, fi Triq il-Karmnu, San Ġiljan, u li wassal għall-mewt ta' Mario Micallef waqt li kien fuq il-lant tax-xogħol seħħ bi ħtija tal-imħarrkin jew ta' min minnhom; (ii) tillikwida d-danni mġarrba minnhom minħabba l-mewt ta' Mario Micallef, u (iii) tikkundanna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, iħallsuhom d-danni likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-23 ta' Mejju, 2014[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-20 ta' Ġunju, 2013, li biha l-imħarrka Helena Holland laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni waqgħet għaliex laħaq għadda ż-żmien li fih messha tressqet; u li, f'kull każ, ma kinitx il-leġittima kontradittriċi tal-atturi billi qatt ma kienet sid tas-sit fejn saru x-xogħlijiet. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li hija qatt ma qabbdet lil ħadd jagħmel xi xogħlijiet għaliha; li ma hemm l-ebda rabta ġuridika bejnha u bejn l-atturi, la *ex contractu* u lanqas *ex delicto*; u li fi ħdan il-kumpannija mħarrka kienet biss direttur u *silent partner* għaliex il-kumpannija kienet titmexxa minn żewġha Anthony Fountain, li minnu kienet mifruda legalment sa minn żmien qabel ma seħħ l-inċident mertu tal-kawża;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fid-19 ta' Diċembru, 2013, li biha l-imħarrek Kevin Azzopardi laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-atturi għandhom jippruvaw l-interess ġuridiku tagħhom u li huma tassew il-werrieta tal-mejjet Mario Micallef. Fil-mertu, laqa' billi ċaħad kull responsabbilità u ħtija għall-inċident. Temm jgħid li jikkontesta d-danni pretiżi billi fil-fehma tiegħu ma kien hemm ebda danni x'jiġu likwidati;

Rat l-Ordni tas-Surroga tal-24 ta' Jannar, 2014[2], li bih din il-kawża tqiegħdet għas-smigħ quddiem din il-Qorti kif presjeduta;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-11 ta' Novembru, 2015[3], minn fejn jirriżulta li l-imħarrkin Anthony Fountain u l-kumpannija Aedes Company Limited, għalkemm laqgħu kif imiss in-notifika tal-atti tal-kawża, naqsu li jdaħħlu Tweġiba Maħlufa fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi, u għalhekk waqgħu kontumaċi;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa quddiemha mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Marzu, 2018[4], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjoniet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fis-16 ta' April, 2018[5];

---

[1] Paġ. 5 tal-proċess
[2] Paġġ. 32 – 3 tal-proċess
[3] Paġ. 87 tal-proċess
[4] Paġ. 470 tal-proċess
[5] Paġġ.476 sa 482 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrka Helena Holland fil-21 ta' Mejju, 2018[6], bi tweġiba għas-sottomissjonijiet attriċi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imresssqa mill-imħarrek Kevin Azzopardi fil-31 ta' Mejju, 2018[7], bi tweġiba għas-sottomissjonijiet attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni mġarrba mill-atturi, il-qraba ta' ħaddiem li miet waqt li kien fuq il-post tax-xogħol. Il-vittma kien impjegat mal-imħarrek Azzopardi, u miet meta waqa' fuqu ħajt f'sit ta' kostruzzjoni. L-atturi jitfgħu l-ħtija għal dak li ġralu Micallef fuq l-imħarrkin, minħabba negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' ħarsien min-naħa tagħhom tar-regolamenti fuq il-lant tax-xogħol, u għaldaqstant qed jitolbu kumpens mingħand l-imħarrkin, jew min minnhom;

Illi l-imħarrka Helen Holland laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni waqgħet għaliex laħaq għadda ż-żmien li fih messha tressqet; u li, f'kull każ, ma kinitx il-leġittima kontradittriċi tal-atturi billi qatt ma kienet sid tas-sit fejn saru x-xogħlijiet. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li hija qatt ma qabbdet lil ħadd jagħmel xi xogħlijiet għaliha; li ma hemm l-ebda rabta ġuridika bejnha u bejn l-atturi, la *ex contractu* u lanqas *ex delicto*; u li fi ħdan il-kumpannija mħarrka kienet biss direttur u *silent partner* għaliex il-kumpannija kienet titmexxa minn żewġha Anthony Fountain, li minnu kienet mifruda legalment sa minn żmien qabel ma seħħ l-inċident mertu tal-kawża;

Illi l-imħarrek Kevin Azzopardi laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-atturi għandhom jippruvaw l-interess ġuridiku tagħhom u li huma tassew il-werrieta tal-mejjet Mario Micallef. Fil-mertu, laqa' billi ċaħad kull responsabbilità u ħtija għall-inċident. Temm jgħid li jikkontesta d-danni pretiżi billi fil-fehma tiegħu ma kien hemm ebda danni x'jiġu likwidati;

Illi, l-imħarrkin Anthony Fountain u Aedes Company Limited waqgħu kontumaċi billi, għalkemm laqgħu n-notifika tal-atti, naqsu li jressqu t-Tweġiba Maħlufa tagħhom;

[6] Paġġ.484 sa 491 tal-proċess
[7] Paġġ.493 sa 512 tal-proċess

Illi bħala fatti li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-vittma Mario Micallef kien ilu ftit aktar minn xahar biss[8] impjegat mal-imħarrek Azzopardi li kien kuntrattur u bennej liċenzjat[9]. L-attriċi hija l-armla tiegħu u ż-żewġ atturi l-oħrajn huma wliedu;

Illi nhar l-14 ta' Ottubru, 2009, Micallef kien xogħol f'sit flimkien ma' impjegat ieħor jismu Josef Grech. Is-sit kien jikkonsisti f'binja ta' blokka ta' appartamenti fi Triq il-Karmnu f'San Ġiljan. Azzopardi kien tqabbad mill-imħarrek Anthony Fountain biex jibni blokka ta' appartamenti f'sit fi Triq il-Karmnu, ġewwa San Ġiljan. Dakinhar kien ser isir it-tisqif bil-konkos, u fuq is-sit kien hemm l-armar li kien intrama sabiex seta' jingħata l-konkos. Wieħed mill-ħitan tat-tromba tat-taraġ kien beda jinbena (bil-*bricks*) u kienet ser tiġi msaqqfa kamra adjaċenti fuq in-naħa tal-lemin. L-ingall ġol-bricks tal-ħajt kien tqatta' tul il-ħajt kollu u kien tħalla biss għaxar ċentimetri sħiħ, bil-fond tal-ingall jasal sal-qoxra ta' barra tal-*brick*[10]. F'ħin minnhom, il-ħajt tal-bricks inqaleb lejn in-naħa tal-kamra, b'parti minnu taqa' fuq l-armar, u parti taqa' 'l ġewwa mill-istess armar. Inzerta li Micallef, f'dak il-ħin, kien għaddej minn ħdejn il-ħajt u parti mill-ħajt waqgħet fuqu u ntradam taħtha wara li l-ilqugħ tal-injam tas-saqaf li fuqu kien se jingħata l-konkos, u l-istess ġebel tal-ħajt li nqaleb, sfrondaw bih b'kollox sal-livell ta' taħt fl-ewwel sular[11]. Mill-kostatazzjonijiet li saru mill-espert mediku forensiku fl-inkjesta maġisterjali, Micallef miet ftit tal-ħin wara[12] u fuq ġismu ma kienx hemm sinjali li juru li l-ġrieħi li ġarrab seħħew b'xi kawża oħra jekk mhux bil-waqgħa[13]. Jirriżulta li, ftit tal-ħin qabel, kienet għamlet ħalba xita qawwija[14];

Illi dakinhar ukoll, rappreżentanti tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-xogħol kienu marru wkoll fuq il-post[15] u fasslu rapport ta' xi nuqqasijiet li kienu sabu fuq il-lant tax-xogħol[16]

Illi dakinhar li seħħ l-inċident, Micallef kellu tmienja u ħamsin (58) sena;

Illi hekk kif seħħ l-inċident, infetħet inkesta Maġisterjali, u fuq il-post issejħu numru ta' esperti[17]. L-espert tekniku forensiku mqabbad mill-Qorti wasal għall-fehma li l-ħajt inqaleb għal fuq in-naħa tal-kamra għaliex kien sar

[8] Ara Dok "PV" f'paġ. 235 tal-proċess
[9] Ara r-Relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina Dok "RA", f'paġ. 58 tal-proċess
[10] Ara disinn f'Dok "PV", f'paġ. 268 tal-proċess
[11] Xhieda ta' WPS110 Maria Scicluna f'Dok "PV", f'paġ. 236 tal-proċess
[12] Relazzjoni tat-Tabib Dr Mario Scerri Dok "MS1", f'paġ. 111 tal-proċess
[13] Xhieda ta' Dr Mario Xerri f'paġ. 114 tal-proċess
[14] Dok "RA" f'paġġ. 61 – 2 tal-proċess
[15] Xhieda ta' Melino Merċieca f'Dok "PV", f'paġġ. 241 – 2 tal-proċess
[16] Dok "PV", f'paġġ. 269 – 272 tal-proċess
[17] Paġġ. 350 – 1 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' l-Ispettur Bernard Spiteri f'paġ. 163 tal-proċess

ingall mat-tul tiegħu kollu, b'mod li l-ħajt sar mhux stabbli tant li s-*centre of gravity* tiegħu kienet 'il barra mill-wiċċ ta' ġewwa tal-qoxra tal-*brick*. Wera wkoll il-fehma li x-xita qawwija li niżlet ftit qabel setgħet taqqlet il-ħajt u żiedet fl-instabbilità tiegħu[18];

Illi, min-naħa l-oħra, waqt proċeduri kriminali li nfetħu kontra l-imħarrkin, l-*Occupational Health and Safety Officer* li żar is-sit, ikkonferma li Azzopardi tqabbad jibni s-sit mill-imħarrek Fountain, u li Fountain kien imqabbad mill-kumpannija Clear Water Investment Limited[19]. Irriżultalu wkoll li l-perit arkitett responsabbli mill-binja kien George Chetcuti, li kien stqarr miegħu li kien ilu ma jmur fuq is-sit u li l-istruzzjonijiet biex jinbena l-ħajt tal-*bricks* ma ngħatawx minnu[20]. Fil-fatt, l-istruzzjonijiet ingħataw minn Azzopardi. Micallef kien tqabbad jibni dan il-ħajt, u kellu jqatta' trinka rqiqa b'*chaser* fil-parti ta' isfel tal-ħajt sabiex il-konkos ikun jista' jingalja aħjar ġol-ħajt[21];

Illi matul is-smigħ ta' din il-kawża, Azzopardi kkonferma li Micallef kien impjegat miegħu bħala *foreman*. Xehed ukoll li hu żar is-sit siegħa biss qabel ma seħħ l-inċident, u li ġibed l-attenzjoni tal-impjegati tiegħu li l-ħajt (tal-*bricks*) kien waħdu (il-Qorti fehmet li qed jgħid li l-ħajt ma kellux ma xiex jistrieħ), li l-qtugħ fil-ħajt kellu jsir ta' żewġ piedi u jħallu pied[22]. Mis-sejbiet tiegħu, il-perit tekniku wasal għall-konklużjoni li l-ingall ġol-*bricks* tal-ħajt għat-tisqif bil-konkos sar kollu minn Micallef;

Illi f'Ottubru tal-2011[23], il-Maġistrat Inkwirenti għalqet il-*proces verbal* tal-Inkjesta billi rrakkomandat li jittieħdu proċeduri kontra l-imħarrek Azzopardi. Fi Frar tal-2012, l-imħarrkin Fountain, Holland u Azzopardi tressqu mill-Pulizija Eżekuttiva quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja mixlija b'reati b'rabta mal-inċident[24];

Illi fid-9 ta' Mejju, 2013, infetħet din il-kawża;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel il-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin mal-każ. Xogħol ewlieni għall-Qorti f'din il-kawża hu li tistħarreġ min kien jaħti għall-inċident li fih korra Micallef, u dan fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin partikolarment dik minn Azzopardi, l-imgħallem tiegħu, li tgħid li ma jaħti xejn għall-inċident;

[18] Dok "RA", f'paġ. 61 tal-proċess
[19] Ara x-xhieda ta' Norman Spiteri f'paġ. 265 tal-proċess u Dok "PV", f'paġġ. 273 – 8 tal-proċess
[20] *Ibid* paġ. 263 tal-proċess
[21] *Ibid* paġ. 261 tal-proċess
[22] Ara x-xhieda tal-imħarrek Kevin Azzopardi f'paġ. 456 tal-proċess
[23] Dok "PV", f'paġġ. 345 – 9 tal-proċess
[24] Dok "PV", f'paġġ. 118 – 120 tal-proċess

Illi, qabel kull ħaġa oħra, il-Qorti trid tistħarreġ l-ewwel eċċezzjoni mressqa minn Azzopardi li biha jitfa' r-responsabbilità fuq l-atturi li jippruvaw l-interess ġuridiku tagħhom bħala werrieta ta' Micallef[25], u l-ewwel eċċezzjoni ta' Holland, li titkellem dwar l-azzjoni li waqgħet għaliex laħaq għada ż-żmien li fiha l-azzjoni messha tressqet[26];

Illi għal dak li jirrigwarda l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrek Azopardi, kif ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati Maltin, l-interess meħtieġ fl-attur irid ikun wieħed dirett, leġittimu, kif ukoll attwali[27]. L-interess irid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew lilu jkun mistħoqq[28];

Illi l-interess ġuridiku f'attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk dan iġib miegħu il-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, issir ħaqq jew li tiġi msewwija nġustizzja magħmula fil-konfront tagħha[29];

Illi l-kwalitajiet mistennija minn parti f'kawża biex turi li għandha interess toqgħod fiha huma, skond it-tagħlim tradizzjonali dottrinali, li dak l-interess irid ikun personali, dirett u attwali;

Illi għar-rigward ta' l-aspett ta' attwalità tal-interess tal-attur, azzjoni tista' sseħħ u titqies imsejsa b'interess kif imiss kemm-il darba tkun kapaċi li ġġib lill-parti riżultat vantaġġuż jew utili għal min jipproponiha u li dik il-parti tista' tinqeda b'dak ir-riżultat[30]. Barra minn dan, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jonqos jew jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawża[31];

Illi l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att tar-Rikors Maħluf nnifsu[32], u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fir-Rikors Maħluf, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat[33];

---

[25] Paġ. 29 tal-proċess
[26] Paġ. 9 tal-proċess
[27] Ara P.A. **20.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Watson vs. Sacco*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.453**)
[28] Ara P.A. **27.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Buttiġieġ*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.481**)
[29] App. Kumm. **2.4.1993** fil-kawza fl-ismijiet ***Farruġia et vs Buhaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**)
[30] Ara App. Ċiv. **27.5.1991** fil-kawza fl-ismijiet ***Bond vs. Mangion et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.385**). Ara wkoll App. Ċiv. **14.9.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Millard vs Said et noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.299**)
[31] App. Ċiv. **17.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut et noe vs Attard*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.246**)
[32] Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Caruana*** u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[33] Ara App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et***

Illi mid-dokumenti mressqa quddiemha, minn imkien ma jirriżulta r-relazzjoni li l-atturi għandhom mal-mejjet Micallef. Il-Qorti fil-fatt hi sajma għal kollox minn kull sura ta' prova, kemm f'dak li huma ċertifikati, bħalma huwa ċertifikat tal-istat ċivili jew saħansitra ċertifikat tal-mewt, kif ukoll f'kopja ta' testment jew dikjarazzjoni minn nutar pubbliku, f'każ li Micallef miet intestat. L-uniku aċċenn li hemm għal din ir-relazzjoni hija fil-parti tar-Rikors Maħluf li tirrigwarda r-raġuni tat-talba;

Illi, min-naħa l-oħra, l-imħarrek Azzopardi ma jidhirx li baqa' jinsisti għal din l-eċċezzjoni tant li fis-sottomissjonijiet tiegħu ma jelaborax fuqha. L-imħarrka Holland tagħmel aċċenn għal din l-eċċezzjoni fis-sottomissjonijiet tagħha, iżda ma ressqet ebda eċċezzjoni f'dan is-sens fit-Tweġiba Maħlufa tagħha;

Illi fin-nuqqas ta' tali insistenza minn Azzopardi, il-Qorti mhux sejra tqis aktar din l-eċċezzjoni, filwaqt li żżomm fermi l-osservazzjonijiet tagħha magħmula aktar 'il fuq;

Illi l-Qorti sejra issa tqis **l-ewwel eċċezzjoni preliminari** mressqa mill-imħarrka Helena Holland, dwar li l-azzjoni tressqet wara ż-żmien li fih messha tressqet. Hija tgħid li l-azzjoni attriċi hija preskritta fit-termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili billi bejnha u bejn Micallef ma kienet teżisti ebda relazzjoni kuntrattwali;

Illi ż-żmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b'riferenza għall-azzjoni kif imfassla[34]. Din hija għażla li l-liġi tagħti lil kull parti attriċi, u hija fuq din l-għażla li jiddependi l-eżitu tal-azzjoni. Dan ifisser li jekk parti tagħżel li tressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra parti oħra fuq kawżali partikolari, l-eċċezzjoni li titqanqal mill-parti mħarrka kontra l-azzjoni magħmula kontriha trid titkejjel fuq dik il-kawżali u mhux fuq x'taħseb il-parti mħarrka li setgħet kienet il-kawżali vera. Għalhekk, il-Qorti trid l-ewwel tqis jekk l-artikolu tal-preskrizzjoni li jkun eċċepit ikunx jgħodd għaċ-ċirkostanzi tal-azzjoni li l-eċċezzjoni trid twaqqaf, qabel ma tgħaddi biex tistħarreġ il-provi. Dan qed jingħad għaliex, f'każ li ż-żmien preskrittiv eċċepit ma jkunx jgħodd għall-għamla ta' kawża li tkun, ma jkun jiswa xejn li l-Qorti tistħarreġ il-provi;

Illi għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għemil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ, iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt (l-hekk msejħa *culpa aquiliana*), f'liema

[34] App. Ċiv. **24.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Testafferata Boniċi*** (Kollez. Vol: **XLII.i.153**) u Kumm **29.11.1971** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Calleja vs Anthony Portelli noe*** (mhix pubblikata)

każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn (prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili); u (ċ) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' obbligazzjoni li mhix imfissra f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames (5) snin[35]. Kieku l-obbligazzjoni tkun imfissra f'att pubbliku, jidher li l-preskrizzjoni tkun dik ta' tletin (30) sena[36], u dan għaliex iż-żmien preskrittiv dwar in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali huwa dak relattiv għall-obbligazzjoni nnfisha[37];

Illi kif ingħad, dak li għandu jiġi mistħarreġ f'kawża ta' din ix-xorta huwa jekk il-premessi u l-kawżali li fuha l-azzjoni hija mposta jammontawx għal deskrizzjoni ta' atti li jikkostitwixxu reat allegatament fil-konfront tal-imħarrkin[38];

Illi f'din il-kawża, l-atturi jixlu lill-imħarrkin b'negligenza, traskuraġni u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti fuq il-lant tax-xogħol, li b'riżultat tiegħu ġarrbu danni bil-mewt traġika ta' qaribhom[39]. Ġie ritenut li f'każ ta' danni mġarba b'riżultat ta' omiċidju nvolontarju, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik taħt l-artikolu 2154[40];

Illi l-Qorti hija ta' l-istess fehma. Fil-każ ta' llum, l-azzjoni hija għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat taħt l-artiklu 225 tal-Kodiċi Kriminali, għaldaqstant il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali taħt l-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali hija regolata fl-artikolu 688 ta' l-istess kodiċi, jiġifieri dik ta' ħames snin. L-azzjoni ċivili mressqa permezz ta' din il-kawża għalhekk, ukoll taqa' bil-preskrizzjoni ta' ħames snin;

Illi minħabba li l-preskrizzjoni mressqa mill-imħarrkin hija waħda estintiva tal-azzjoni attrici, jidħol fis-seħħ il-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-dritt jew setghet tinbeda l-azzjoni meqjusa biex tħares dak id-dritt. Għaldaqstant, l-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili għandu jinqara wkoll fid-dawl tal-artikolu 2137 tal-istess Kodiċi li jgħid li l-preskrizzjoni tibda miexja minn meta l-azzjoni tkun setgħet titressaq. Il-ħarsien ta' din ir-regola hu wieħed fundamentali tant li dejjem tqies li l-impossibilità li wieħed jaġixxi trid tkun impossibilità lil hinn mir-rieda tal-persuna li tfittex il-jedd, dovuta għal kawza estranea, li dik il-persuna ma setgħetx bil-ħila tagħha twarrab[41];

---

[35] Ara per eżempju App. **27.4.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef nomine vs Cassar*** (Kollez. Vol.: **XXXVII.i.140**)
[36] App. Ċiv. **11.12.1936** fil-kawżafl-ismijiet ***Briffa vs Cassar Torreggiani*** (Kollez. Vol. **XXIX.i.806**)
[37] P.A. **22.6.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Fava vs Bonniċi*** (Kollez. Vol.: **XXIX.ii.581**)
[38] App. Ċiv. (Inf ) **25.3.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Dun. Rev. Karm Busuttil vs Anthony Caruana***
[39] Ara premessa numru 2 tar-Rikors Maħluf f'paġ. 1 tal-proċess
[40] App. Ċiv **15.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo sive Charles Micallef St. John et vs Richard Spiteri et*** fejn il-mertu tal-kawża kien omiċidju involontarju
[41] App. Kumm. **15.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard et noe vs Fenech*** (Kollez. Vol.: **XLIX.i.500**)

Illi dan il-prinċipju jinbena fuq il-massima li *actione non natae non praescribitur*. L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier f'dan ir-rigward jgħallmu li "*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui è nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere...*"[42]. Iżjed 'il quddiem iżidu jgħidu illi *"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale*"[43];

Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Mizzi Estates Limited vs Frank Borda et***[44], intqal:

*"Hu risaput illi d-dies a quo tal-preskrizzjoni jibda jgħodd minn meta ssir il-ħsara, u mhux minn meta dak li jkun jinduna bil-ħsara. Fil-kawza* ***Xuereb v Agius****, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru, 1959, intqal illi: "il-preskrizzjoni tibda tgħaddi u timxi mill-jum li fih ikun ġara l-fatt illeċitu li minnu jidderiva d-dannu, u mhux mill-jum meta l-parti leża tiġi taf bih". It-test huwa wieħed oġġettiv u mhux dipendenti fuq meta l-vittma jkun komdu li jinduna bil-ħsara. Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza* **Mohnani v. Stivala***, deciza fil-11 ta' Ġunju, 2010, qalet: "……..jibda biex jiġi reġistrat illi kif jingħad fl-Artikolu 2137 Kodici Civili, "bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Hu spjegat mill-Qorti tal-Appell Supejuri illi "t-test li trid il-liġi allura kien dak oġġettiv, dipendenti mill-fatti li minnhom joriġina d-dritt tal-attur li jaġixxi, mhux it-test soġġettiv għall-persuna tal-attur u cioè jekk din kenitx jew le f'kundizzjoni li taġixxi, tkun xi tkun ir-raġuni" ("***Raphel Micallef -vs-Anthony Agius***", 6 ta' Ottubru, 2000). Evidentement, imbagħad, "iż-żmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali" ("***Joseph Stivala -vs- Prof. Joseph Colombo***", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Jannar 1953")*";

Illi, hu x'inhu l-għajn tal-preskrizzjoni invokata mill-imharrek jew imħarrkin, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet għaddejja, u l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tigi stabilita[45];

Illi mill-provi li tressqu quddiemdin il-Qorti, jirriżulta li l-inċident seħħ nhar l-14 ta' Ottubru, 2009, u din il-kawża infetħet fid-9 ta' Mejju 2013. L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mqajma mill-imħarrka Holland mhix tajba u għalhekk qed tiġi miċħuda, kemm għaliex id-dispożizzjoni invokata ma kinetx

[42] cfr. *Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione* Cap XII, §364, pag. 279).
[43] *Op. cit*. (§393 *bis*, pag 306)
[44] App. Civ., **31.10.2014**
[45] App. Civ. **5.4.1993**, fil-kawża fl-ismijiet ***Quintano vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.269**)

tgħodd għall-każ, kif ukoll għaliex dik li tgħodd għall-każ kienet timponi żmien preskrittiv ta' ħames snin li kien għadu ma għaddiex sa dakinhar li nfetħet il-kawża;

Illi fis-Sottomissjonijiet tagħha, l-imħarrka Holland torbot **it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet** tagħha taħt l-istess kappa billi tgħid li hija mhix il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi, u dan għal bosta raġunijiet. Mill-provi li ressqet, joħroġ ċar li Holland ma kellha l-ebda sehem f'dak li ġara u lanqas kienet b'xi mod imdaħħla fir-responsabbiltajiet li setgħu jkollhom x'jaqsmu mal-ħtija għal dak li ġara fl-inċidetn mertu tal-każ. Hija tfisser sewwa li l-post jew kariga li kellha fil-kumpannija Aedes Co Limited – dik ta' direttur – ma kinitx u la waħda effettiva u lanqas determinanti tal-ħtija delittwali li fuqha tinbena l-azzjoni attriċi. Jekk l-atturi ħarrkuha għaliex kienet mart l-imħarrek Fountain, jew safejn seta' kien hemm ir-responsabbiltà li tgħabbi l-komunjoni tal-akkwisti, dan ukoll ma kien tal-ebda fejda, għaliex l-istess imħarrka wriet bi provi ċari li, fiż-żmien rilevanti mhux biss ma kienx hemm aktar komunjoni tal-akkwisti, imma lanqas kien għad hemm rabta ta' żwieġ. Meta ngħatat is-sentenza tal-firda personali[46], kien l-imħarrek Fountain li ntrabat bil-piż tad-djun tal-imsemmija kumpannija. Min-naħa tagħhom, l-atturi ma ressqu l-ebda prova li turi li l-imħarrka kellha tabilħaqq li sehem f'dak li ġara lil Micallef u lanqas ippruvaw iwaqqgħu b'xi mod il-provi li ressqet;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-tieni, t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-imħarrka Helena Holland huma mistħoqqa u se jintlaqgħu;

Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis il-kwestjoni tal-**ħtija u r-responsabbiltà** għal dak li ġara. L-atturi jgħidu li l-ħtija għall-mewt ta' qaribhom iridu jġorruha l-imħarrkin, jew min minnhom. Din il-Qorti diġà waslet għall-fehma li l-imħarrka Holland ma għandha twieġeb xejn għall-pretensjonijiet tal-atturi. Jifdal li l-Qorti tqis il-qagħda taż-żewġ imħarrkin l-oħrajn, fil-kwalità li fiha tħarrku;

Illi huwa l-obbligu ta' kull parti attriċi li ġġib provi tajba biżżejjed biex issostni l-każ tagħha. Il-korriment jew il-mewt marbuta ma' inċident fuq il-post tax-xogħol waħedhom ma jissarrfux, fihom innifishom, fis-sejbien tal-ħtija ta' min kien qed iħaddem lill-korrut jew lill-vittma. Il-Qorti tagħraf ukoll li meta ħaddiem jitlef ħajtu waqt il-qadi tax-xogħol tiegħu, ma jkollhiex il-verżjoni u x-xhieda tiegħu, u biex tagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas ikollha tgħarbel b'aktar reqqa l-provi biex minnhom tislet kemm hu possibbli elementi rilevanti li jitfgħu dawl fuq dak li jkun ġara u x'seta' wassal għalih. It-teżi waħdanija tal-atturi hija li qaribhom korra u miet waqt li kien qed jaħdem u waqt li kien qiegħed

[46] Ara Dok "HH2", f'paġġ. 423 *tergo* sa 445 tal-proċess

jagħmel dak li tqabbad jagħmel, u li hu ma kienx jaħti għall-inċident. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin Azzopardi u Fountain jixlu lill-vittma bil-ħtija waħdanija ta' dak li ġaralu billi ma qagħadx għall-istruzzjonijiet li ngħatawlu;

Illi fid-dawl ta' dawn il-linji difensjonali tal-imħarrkin, il-Qorti sejra tistħarreġ **il-kwestjoni tar-responsabbiltà** għal dak li wassal għall-inċident u għall-mewt ta' Micallef fid-dawl kemm tal-pretensjonijiet tal-istess atturi wkoll tal-imsemmija difiżi mressqa mill-imħarrkin;

Illi d-duttrina tgħallem li fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabbiltà għall-għemil jew nuqqas ta' għemil tagħha[47]. B'żieda ma' dan, kull min iħaddem irid iwieġeb għall-aġir tiegħu mal-ħaddiem tiegħu[48], sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh;

Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa[49] u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem[50];

Illi huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun għandu jħares lill-ħaddiem ukoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni[51]. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi[52];

Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà

[47]Art. 1031 tal-Kap 16
[48]Art. 1037 tal-Kap 16
[49] Art. 6(2) tal-Kap 424
[50] Art. 6(3) tal-Kap 424
[51] Kumm. JH **9.9.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Borġ vs George Wells et noe*** (mhix pubblikata)
[52] P.A. **10.10.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Fino*** (mhix pubblikata)

tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq[53], u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti[54] u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel[55]. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru[56];

Illi dan kollu juri li r-responsabbiltà tal-imgħallem mhijiex waħda li tabilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "*strict liability*"). Għalkemm hija responsabbiltà li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[57], ma titlobx grad ogħla ta' responsabbiltà, u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel[58];

Illi biex isir stħarriġ xieraq tad-dinamika dwar kif ikun seħħ inċident, jeħtieġ li l-Qorti tqis l-ambjent kollu tal-post tax-xogħol[59], jiġifieri mhux biss tal-makkinarju jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq ix-xogħol magħżul, imma saħansitra l-mod kif ikun qed jitwettaq ix-xogħol u l-ambjent li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu;

Illi, fil-każ tal-lum, mhux kontestat illi Micallef kien qed jagħmel dak li ġie imqabbad li jagħmel kemm mill-imgħallem tiegħu, jiġifieri dak ta' bennej fuq sit ġewwa San Ġiljan. It-talbiet attriċi huma marbuta mal-argument li Micallef kien bniedem ta' ħila, qed jaħdem taħt is-sorveljanza ta' Perit imqabbad minn Azzopardi[60]. Hemm ukoll aspett ieħor li l-Qorti jidhrilha li huwa rilevanti. L-atturi jgħidu li l-imħarrkin naqsu li jagħmlu superviżjoni xierqa u li l-liġi kienet torbothom bi dmir bħal dan;

Illi l-Qorti temmen li s-superviżjoni hija waħda mill-kwalitajiet li min iħaddem juri li mexa b'mod responsabbli mal-ħaddiema tiegħu[61]. Il-ħtieġa ta' superviżjoni ma tistax tkun traskurata, u l-ebda taħriġ minn qabel ma huwa biżżejjed biex jeħles lil min jagħti x-xogħol mid-dmir li jipprovdi lill-ħaddiem

[53] Art. 7(1) tal-Kap 424
[54] Art. 7(2) tal-Kap 424
[55] P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd.***
[56] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.***
[57] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[58] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd.***
[59] App Ċiv. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Christian Buġeja vs Dr Gerald Montanaro Gauċi noe***
[60] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi f'paġ. 480 tal-proċess
[61] Ara, P.A. NA **29.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Ċini vs George Wells et noe***; u P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd*** (mhix appellata)

bis-superviżjoni xierqa minn persuna ta' ħila u li f'kull waqt tkun qiegħda tara li l-ambjent tax-xogħol ma jkunx tali li jwassal għal xi inċident[62]. Dan l-obbligu tas-sorveljanza huwa parti sħiħa minn dak li l-liġi tifhem bih bħala l-ambjent tax-xogħol imbiegħed mill-perikli[63]. Din ir-regola tgħodd ukoll fejn ix-xogħol mogħti lill-ħaddiem ma jkunx ġdid għalih u fejn ikun hemm il-possibiltà li r-rutina twassal lill-istess ħaddiem biex jillaxka l-attenzjoni tiegħu[64]. Iżda, fil-każ tal-lum, Micallef kien il-persuna li l-imħarrek Azzopardi kien għażel li jkun *foreman* fuq il-lant tax-xogħol, jiġifieri li kellu l-obbligu li jissorvelja hu lil dawk li kienu qegħdin jaħdmu miegħu. F'ċirkostanza bħal din l-atturi ma jistgħux jilmintaw li qaribhom tħalla mingħajr superviżjoni meta kien hu li kien tqabbad li jagħmilha fuq ħaddieħor[65]. Lanqas ma jista' jingħad mill-atturi li qaribhom tqabbad jagħmel xogħol li ma kienx imħarreġ għalih, għaliex ix-xogħol li tqabbad jagħmel kien ix-xogħol li kien wera minn żmien qabel li jinqala' għalih u li dak li ġralu kien marbut ma' dak li kien tqabbad jagħmel. Għalkemm il-Qorti ma taqbel xejn mal-imħarrek Azzopardi meta xehed li Micallef kien ilu jaħdem miegħu madwar sena qabel ma seħħ l-inċident (fil-fatt, kien ilu jaħdem miegħu biss ftit aktar minn xahar), jidhrilha li kien jaf x'kien ix-xogħol li kien meħtieġ isir u kif kien mistenni li jsir skond ma jitolbu s-sengħa u l-ħila;

Illi l-imħarrkin, min-naħa l-oħra, jiċħdu dan kollu u jressqu d-difiża tal-kontributorjetà ta' Micallef għal dak li seħħ u għal dak li ġralu[66];

Illi l-Qorti sejra tistħarreġ id-difiża ta' kontributorjetà mressqa mill-imħarrkin. F'każ ta' kontributorjetà jgħodd l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili, li bis-saħħa tiegħu n-negliġenza tal-parti li tbati l-ħsara tnaqqas mir-responsabbilità tad-danneġġjant. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew sehem ieħor[67], u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti[68]. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjetà għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara[69]. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li *onus incumbit ei qui dixit*, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjetà tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;

---

[62] P.A. TM **19.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Spiteri vs Jesmond Micallef pro et noe*** (mhix appellata)
[63] P.A. DS **23.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Fenech vs Sammy Meilaq noe*** (mhix appellata)
[64] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Farruġia vs M.I.M.C.O.L.*** (mhix appellata)
[65] App. Ċiv. **28.4.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Tessie Cardona et vs C.V. Builders Ltd et***
[66] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva ta' Kevin Azzopardi f'paġġ. 504 sa 511 tal-proċess u n-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva ta' Helen Holland f'paġ. 490 tal-proċess
[67] App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.59**)
[68] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Onorato Buġeja vs Dennis Aġius***
[69] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **3.2.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Josef Farruġia vs Christopher Carabott et***; u App. Ċiv. **28.2.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Azzopardi vs Andrew Bird***

Illi huwa mgħallem u aċċettat b'awtorità li biex tkun tgħodd dik ir-regola, irid jintwera li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju; (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja; u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilità tar-riskju li dieħla għalih[70]. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu il-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għemil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalità mill-għemil tal-parti l-oħra[71]. L-aspett tal-volontarjetà f'dak li tkun għażlet li tagħmel il-parti mġarrba huwa element partikolari li jiddistingwi dik l-imġiba minn waħda li tkun l-effett ta' att ta' ubbidjenza għal ordni ta' ħaddieħor[72];

Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjetà min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjetà fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu[73]. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li *volenti non fit iniuria*;

Illi kif ingħad f'ċirkostanzi oħrajn bħal dawn, "*Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself*"[74];

Illi fid-dawl tal-priċipji li għadhom kemm issemmew, il-Qorti tasal għall-fehma li Micallef ikkontribwixxa għall-inċident, dan billi ġie ippruvat li minn rajh jew b'rieda aċċetta li jidħol għal riskju li, bħala persuna ta' sengħa, kien jaf x'isarraf. Tressqet prova mhix kontradetta li kien Micallef li ngalja l-ħajt tal-*bricks* (li mbagħad iġġarraf) bi tħejjija għat-tqegħid tax-xibka fejn kellu jingħata s-saqaf bil-konkos. Ħareġ mill-provi wkoll li l-imħarrek Azzopardi ta struzzjonijiet lil Micallef dwar kif kellu jsir l-ingaljar. Aktar minn hekk, il-perit tekniku maħtur fl-inkjesta maġisterjali wasal għall-fehma li, mill-mod kif waqa' l-ħajt, l-ingaljar sar kontra kull sengħa mitluba mil-liġi, għaliex ma kellux isir

---

[70] Ara s-sentenza riċensjuri P.A. RCP **31.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Żammit vs Maltapost p.l.c.*** (mhix appellata)
[71] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et*** (mhix appellata)
[72] P.A. GCD **7.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Polidano vs Korporazzjoni Enemalta*** (mhix appellata)
[73] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef et vs John Pisani et noe***
[74] ***Froom vs Butcher*** CA QB 286 (**1976**) per Denning LJ

mat-tul kollu tal-ħajt. Kienet sfortuna wkoll li l-ħajt kien ixxarrab minħabba xita qawwija illi kienet għamlet ftit qabel u li għaldaqstant setgħet ikkontribwiet biex il-ħajt jkompli jiddgħajjef. Iżda ta' dan kollu, ħadd ħlief Micallef innifsu ma kellu jwieġeb għalih u għalhekk it-tielet eċċezzjoni tal-imħarrek Azzopardi hija tajba u sejra tintlaqa';

Illi n-nuqqasijiet li sabu fuq il-lant ir-rappreżentanti tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol ma kinux jirrigwardaw dik il-parti li ġġarrfet, imma bnadi oħrajn tas-sit. Lanqas ma kienu jirrigwardaw in-nuqqas ta' tagħmir jew ilbies ta' sigurtà mogħtija lill-ħaddiema minn min kien responsabbli għall-proġett;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti, il-Qorti ssib li l-ewwel talba attriċi mhijiex mistħoqqa u mhix sejra tilqagħha. Dan ifisser li lanqas ma jistgħu jintlaqgħu it-talbiet attriċi l-oħrajn minħabba li huma konsegwenzjali għall-ewwel waħda;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrka Holland** billi mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, u ssib li l-azzjoni attriċi tressqet fi żmienha;

**Tastjeni milli tqis l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek Azzopardi** billi ma nsistiex aktar dwarha;

**Tilqa' it-tieni, t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet** tal-imħarrka Helena Holland u teħlisha mill-ħarsien tal-ġudizzju;

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni** tal-imħarrek Azzopardi bħala mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad it-talbiet attriċi** bħala mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** lill-atturi jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**29 ta' Novembru, 2022**